MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2008

Avviz Numru. 286/2007

**Bank of Valletta p.l.c**

**Vs**

**Christopher Zammit**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-hdax (11) ta' Settembru 2007 permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet lil Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' elfejn mija u erbgha liri Maltin u tnejn u tmenin centzmu (LM2104.82) bilanc ghad-debitu fil-Loan Account ta' Christopher Zammit mal-Bank of Valletta plc (Dok. B 1 sa B 3) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mid-disgha w ghoxrin (29) t'Awissu 2007 sad-data tal-effettiv pagament, liema loan gie moghti lill-konvenut prmezz ta' kuntratt datat wiehed u tletin (31) ta' Lulju 1991 in atti n-Nutar Dottor Joseph Sciberras (Dok. A).

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew waha jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt hawn fuq indikat u cioe Dok. A partikolarment imma mhux esklussivament billi l-konvenut Christopher Zammit (a) naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilta tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici u b'hekk il-konvenut iddekada mill-beneficju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficcjali datata tlettax (13) ta' Novembru 2006 (Dok. C) u tal-Mandat ta' Sekwestru li gie pprezentat kontestwalment kontra l-konvenut li kien ingunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut kien debitament notifikat bir-rikors in kwistjoni nhar it-tnejn (2) ta' Novembru 2008 skond riferta tal-Marixxal Charles Cassar fl-Ghassa tal-Pulizija Bormla kif jidher minn fol. 22A ta' l-atti, fl-istess jum tat-tnejn (2) ta' Novembru 2007 fil-Kunsill Lokali ta' Bormla kif jirizulta wkoll mir-riferta tal-istess Marixxal Charles Cassar a fol 22A tal-atti, kif ukoll minn avviz li deher fil-Gazetta tal-Gvern datat disgha (9) ta' Novembru 2007, li kopja tieghu jinsab esebit a fol. 23 tal-atti, minn avviz li deher fil -gazetta lokali *The Independent* esebit fl-atti u markata Dok. A a fol. 26, u fil-gazzetta lokali imsejjha *l-Orizzont* tas-sebgha (7) ta' Dicembru 2007 skond kopja esebita fl-atti a fol 26 u markata bhala Dok. B.

Rat illi fis-seduta tal-wiehed w ghoxrin (21) ta'Jannar 2008 l-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi 'n subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat id-dokumenti esebiti mis-socjeta attrici issib li t-talba taghha tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti ghalhekk qieghda ghalhekk tilqa it-talba attrici billi tiddikjara li l-konvenut naqas milli jghamel il-pagamenti minnu mitluba u dovuta lil Bank attrici u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta' elfejn mija u erbgha liri Maltin u tnejn u tmenin centzmu (LM2104.82) ekwivalenti ghal erbat elef disa' mija u zewg liri u wiehed u disghin centesmu Euro ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------